# IL-MILIED IT-TAJJEB MINN BETLEHEM

Ghalina l-insara t-twelid ta' Kristu ghandu tifsira kbira. Il-ferh ta' dan l-istagun jaffettwa kollox u lil kulhadd. L-ibliet, il-villaggi u sahansitra djarna jizzejnu bi dwal u dekorazzjonijiet sbieh u l-azzjonijiet taghna jilbsu dik it-tjubija umana. Dan kollu kellu l-bidu tieghu madwar 200 sena ilu fin-naqra ta' stalla gewwa Betlem. Il-Milied ghandu mportanza akbar f'din il-belt ta' Betlem billi kien hawn li l-Kelma ta' Alla twieldet fostna l-bnedmin. Bir-ragun li l-abitant Betlemiti jistghu tassew jghidu "Gesu' twieled hawn."

## Father Stephane Milovitch jirraporta minn Betlehem:

Father Stephane Milovitch li okkupa il-post  ta' Segretarju tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa ghal sitt snin qabel ma lahaq Gwardjan tal-patrijiet f'Betlem fis-sena 2010, jistqarr li l-Knisja tan-Nativita' hija bhal kalamita li tigbed lejha numru kbir ta' turisti internazzjonali. Il-patri li l-lum ghandu 47 sena  u li jghix 15 il-Milied gewwa Betlehem jispjega li l-origini ta' din il-knisja jmur lura lejn is-sena 326 meta r-regina Elena, omm l-imperatur Kostantinu riedet li timbena knisja fejn tradizzjonalment jinghad li twieled Gesu'. Matul is-seklu din il-knisja giet meqruda u nbniet mill-gdid bosta drabi.



Internament hemm tarag jiehdok ghall-grotta fejn skond San Luqa u San Mattew Marija u Guzeppi sabu kenn ghax f'Betlehem ma kienx hemm post ghalihom fejn Marija tista' twelled it-tarbija.

Il-grotta tan-Nativita' ghandha tlett

siti ghat-talb: il-post fejn Marija welldet lil Gesu', indikat bi stilla tal-fidda b'erbatax il-ponta, ftit jardi 'l boghod hemm il-post tal-maxtura fejn Marija poggiet lit-tarbija Gesu', u fuq quddiem hemm l-artal dedikat lis-Slaten Magi.

Jghidilna Father Stephane li ghalkemm ikun hemm follol kbar ta' nies gewwa Betlem ghall-festi tal-Milied, l-atmosfera hija wahda ta' paci. "Niftakru li gewwa Betlem il-Milied hu s-sena kollha."

Il-preparazzjoni ghall-festa tal-Milied tibda' is-Sibt qabel l-ewwel Hadd ta' l-Avvent l-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa jixghel l-ewwel xema ta' l-Avvent wara t-talb tal-Vespri fil-Grotta tan-Nativita'. Fid-djar u l-knejjes isir it-talb u fil-pjazzja ta' Betlem qrib il-Basilka tinxteghel is-sigra tal-Milied.

Il-Jum tal-Milied huwa karakterizzat mit-talb.Minn wara nofs in-nhar ta' l-24 ta' Dicembru sal-25, jum il-festa jibdew l-attivitajiet.



Is-sacerdoti, ir-religjuzi u l-isqfijiet li joqghodu fl-Art Imqaddsa jibdew jingabru gewwa Betlem. Il-Patriarka Latin ta' Gerusalemm li huwa l-oghla awtorita' fl-Art Imqaddsa  jmexxi c-ceremonji principali. Jattendu wkoll l-awtoritajiet civici fosthom is-Sindku ta' Betlem li bil-ligi jrid ikun kattoliku, u l-President Palestinjan flimkien mal-ministri tieghu, minkejja li dawn huma musulmani. Maghhom jinghaqdu rappresentanti tal-pajjiz mill-Ewropa u d-dinja kollha. F'dik il-gurnata Betlem issir familja wahda.

Ic-ceremonji jibdew bil-wasla tal-Patrirarka Latin f'Betlem wara nofs in-nhar tal-24 ta' Dicembru skond il-protokol antik hafna. Processjoni ta' karrozzi li jgorru lil Patriarka u l-assistenti tieghu titlaq minn Gerusalemm.  It-triq tkun kontrollata mill-

pulizija izraelita u taccerta ruhha li d-dwal tat-*traffic lights* huma dejjem hodor biex il-processjoni tibqa' dejjem ghaddejja. Matul il-vjagg ta' sitt mili hafna nies ikun skjerati fuq iz-zewg nahat biex jaghtu merhba lill-Patriarka. Il-processjoni tieqaf fil-monasterju ta' San Elija barra Betlem biex l-awtorita' civili u ekklesjastika jaghtu merhba lill-Patriarka. Mal-wasla fejn il-monasterju, il-kavallerija ta' hames zwiemel izraeljani timbidel ma' hamsa ohra palestinjani qabel jidhlu mic-*check point* ta' Betlem.

Waqfa qaira fuq il-qabar ta' Rakele, l-iscouts jilqghu lill-Partriarka u l-assistenti tieghu sa quddiem il-knisja. Fil-ghaxija bosta huma dawk li jingabru fil-pjazza biex jisimghu l-kant tal-Milied.

Fl-4.00p.m. il-patriarka flimkien mal-patrijiet jiehu sehem fil-processjoni ghall-Grotta tan-Nativita' .Din il-processjoni ssir kuljum, izda din id-darba l-presenza tal-patriarka taghtiha l-laqta' aktar solenni.

Il-patrijiet jibdew ihejju ghall-quddiesa ta' bil-lejl li ghaliha jattendu numru kbir ta' fidili billi jnehhu s-siggijiet u minn lok ghal 500 persuna izdu l-kapacita' ghal elfejn.

Jitqassmu biljetti biex id-dhul ikun kontrollat. Wara dan il-mistednin, inkluz il-president palestinjan flimkien mal-ministri tieghu ikun mistiedna ghal-ikla ta' lejlet il-Milied.

Fid-9.00p.m. jinfethu l-bibien tal-Knisja ta' Santa Katerina biex jidhlu l-fidili li jixtiequ jippartecipaw fil-Litrugija. Il-process huwa xi ftit twil imma minhabba s-sigurta' hija haga li trid issir bil-fors. Fil-11.30pm tibda' l-liturgija. Jintlaqa' l-president u l-ministri tieghu mill-patriarka u f'nofs il-lejl ghal intonazzjoni tal-glorja jindaqqu l-qniepen. Abbati jnehhi l-purtiera li tkun tahbi x-xbiha tal-Bambin imqieghda fuq imhadda hamra tahtl-artal.

Tkompli l-quddiesa bil-qari jsir bi tmien lingwi. Skond tradizzjoni antika l-Musulmani waqt li jistghu jattendu ghall-quddiesa, jehtigilhom johorgu meta jkun wasalu l-hin tat-tqarbin u l-president palestinjan u l-minstri tieghu jsegwu din in-norma, wara l-Agnus Dei. Wara tkompli l-quddiesa bit-tqarbin.

Wara l-quddiesa, issir il-purcissjoni bil-Bambin fejn jittiehed fil-Grotta tal-Basilka li minhabba ic-cokon taghha.



Kollox jispicca ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu.

Fil-ghaxra ta' filghodu fil-jum tal-festa l-Patriarka jirrittorna fil-knisja biex jiccelebra quddiesa solenni bl-arbi quddiem presenza ta' folla kbira. Wara, ibierek lil dawk prezenti u jirritorna Gerusalemm.